MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**KATJA PSAILA SAVONA**

Seduta tal-5 ta' Marzu, 2013

Talba Numru. 316/2011

**Mario Montesin (K.I. 226964M)**
**Vs**
**Taric Sammut (K.I. 58480M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz li permezz tieghu l-attur ppremmetta li l-konvenut ghandu jhallas spejjez dovuti u ammont rapprezentanti xogholijiet li saru fi Blokk B, Flat 2, Fuq tal-Hawli, Wesgha Mattia Preti, Birgu, liema somma kienet nghatat lil konvenut sabiex jaghmel dawna x-xogholijiet mill-Awtorita’ tad-Djar; illi l-konvenut gie nterpellat pero’ baqa’ inadempjenti (Dok A); ghaldaqstant l-esponenti jitlob lil dan it-Tribunal sabiex jikkundanna lill-konvenut jhallas l-ammont dovut, flimkien mal-imghax u l-ispejjez; salv eccezzjonijiet ulterjuri.

Ra r-risposta tal-konvenut fejn eccepixxa illi t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt; illi l-hlas mahrug mill-Awtorita’ tad-Djar, ghax-xogholijiet in kwistjoni gie mghoddi interament lill-attur mill-konvenut kif ser jigi

ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;  salv eccezzjonijiet ohra; bl-ispejjez kontra l-attur li minn issa huwa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra l-kontro-talba pprezentata mill-konvenut fejn ippremetta illi x-xoghlijiet bihom inkarigat l-attur ma sarux skond is-sengha u l-arti, kif ser jigi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza, dan anke jekk mehtieg permezz ta' periti nominandi;  illi ghalhekk il-konvenut jitlob lil dan it-Tribunal jillikwida d-danni u jikkundanna lill-attur li jhallas l-istess lill-konvenut, bl-imghaxijiet skond il-ligi; bl-ispejjez kontra l-attur.

Ra l-kontro-talba pprezentata mill-attur fejn eccepixxa illi l-proprjeta' u cioe' x-xoghol sar skond is-sengha u l-arti stante li dana x-xoghol gie anke certifikat mill-perit Awtorita tad-Djar.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' x-xhieda ta' Mario Montesin, Carmel Sammut, Carmel Azzopardi u Charles Vella prodotti mill-attur

Sema' x-xhieda tal-konvenut  Taric Sammut

Ra l-verbal tas-seduta ta' nhar il-15 ta Ottubru 2012 fejn it-Tribunal sema' t-trattazzjoni tal-partijiet u ra li l-kawza thalliet ghas-sentenza.

**Ikkunsidra:**

Mill-provi jirrizulta illi x-xoghol mertu tal-kawza jirrigwardja hlas ghax-xoghol f'post li nghata lill-konvenut mill-Awtorita' tad-Djar.  L-Awtorita' tad-Djar harget (bhalma huwa l-prassi), lista ta' xoghlijiet li kellhom issiru fuq il-post, wara li tlesta u saret spezzjoni tax-xoghol li kellu jsir,  l-flus thallsu mill-Awtorita' tad-Djar lill-konvenut.

Skont tal-attur, ix-xoghol skont il-lista tal-Awtorita' tad-djar kien sar minnu u tlesta minnu. Dan infatti gie spezzjonat minn rapprezentant tal-Gvern.  L-attur iddikjara li kellu jaghti lir-rapprezentant tal-Gvern ircevuta  fiskali, kif titlob

il-prassi, u bhala konsegwenza ta' dan, ir-rapprezentant tal-Gvern kien hareg cekk f'isem Taric Sammut. Dan ic-cekk inhareg f'isem il-konevut ghaliex it-*tender* kien gie moghti lilu. Dan fil-fatt gie kkonfermat minn Carmen Azzopardi –rapprezentata tal-Gvern.[1]

Skont l-attur hu kien thallas somma t' erba' t'elef ewro (€4,000), pero' kien ghad fadal elfejn u erba' mitt ewro (€2,400).

L-attur ikkonferma li kien hareg ircevuta tal-VAT fuq is-somma totali minghajr ma thallas tas-somma kollha minghand il-konvenut.

Giet prezentata il-lista tax-xoghol[2] u l-attur ikkonferma illi mill-lista in-numru hamsa (5) ma sarx, illi pero' xorta kellu jithallas is-somma mitluba ghaliex kien ghamel xoghol iehor li ma kienx indikat u wkoll kien hallas ghal xi materjal.

Sema' x-xhieda ta' missier il-konvenut li ddikjara li hu kien prezenti meta kien jaghmel ix-xoghol l-attur. Ikkonferma ukoll illi l-attur kien thallas is-somma ta' erba' t'elef mitejn u hmistax-il ewro (€4,215). Hu ddikjara illi x-*shaft* kien bajdu u kahlu hu stess, kien bajjadlu l-parapett u l-post kien tah zewg passati hu. Min-naha l-ohra kkonferma li qatt ma qal lill-attur li x-xoghol ma kienx sew.

Sema' x-xhieda ta' Taric Sammut li ghamel riferenza ghax-xoghlijiet fil-lista tal-Gvern. Il-konvenut iddikjara illi kien hallas lill-attur is-somma t' elfejn ewro (€2,000) f'kontanti mill-ewwel, mbaghad kien hallas is-somma t' erba' t'elef mitejn u hmistax-il ewro (€4,215). Illi l-konvenut jghid "*..illi s-somma totali li kont tajtu kienet ta' €6,115."* Imbaghad jghid illi "*…l-ahhar pagament li ghamilt kien t' erba' t'elef mitejn u hmistax il-ewro."* Idddikjara ukoll li l-attur ma kienx ghamel ix-xoghol kollu fil-lista:

[1] Ara fol. 31 ix-xhieda ta' Carmen Azzopardi. Ara DokTS1 a fol. 19 tal-process.
[2] Ara dok TS2 a fol. 20

*"..nghid illi tibjid ma ghamlux sew ghax kellu jghaddi warajh missieri, u tikhil ukoll tal-gallerija, Nghid illi t-tikhil fil-parapett u anke fil hawt ma sarx. Il-madum ma nqalax imma xorta thallas ghalih. La ma nqalax il-madum ovvjament ma ngarrx. Thallas ukoll ghal garr tal-madum. Nghid illi dawk kienu l-affarijiet li ma kienx ghamel."*

Charles Vella, rapprezentant tal-Gvern, ghamel riferenza ghall-lista u jiddikjara illi kien nehha s-somma ta' circa mitt ewro (€100) ghaliex certu xoghol ma kienx sar. Ghalhekk wiehed jista' jikkonkludi li s-somma ta' sitt elef mitejn u hmistax-il ewro (€6215) ma kinitx is-somma totali li naghtat mill-Gvern ghaliex kellha tkun sitt elef mija u hmistax-il ewro (€6115).

Illi t-Tribunal ghandu quddiemu verzjonijiet kontrastanti ghal kollox. Fuq naha l-attur li jghid li ghandu jithallas is-somma ta' elfejn ewro (€2,000) (ara l-avviz promotorju) jew elfejn u erba' mitt ewro (€2,400) [ara x-xhieda tal-attur]. Fuq n-naha l-ohra l-konvenut li jghid illi kien l-ewwel hallas €2,000 u kien imbaghad tah pagament ta' €4,215 u ghalhekk kien hallsu l-ammont ta' €6115 (in konformi ma' dak li iddikjara l-Gvern). Missier il-konveut iddikjara li kien tah pagament fis-somma ta' €4215 kontanti u ma semmiex is-somma ta' €2,000. Illi ghalhekk hawn wisq kontradizzjonijiet. Ma sarx il-kontro-ezami tal-konvenut biex forsi jaghti spjegazzjoni ahharija ta' meta hallas l-ewwel pagament ta' €2,000.

It-Tribunal ikkunsidra wkoll li l-konvenut ipprezenta ircevuta fiskali fl-ammont totali ta' dak li kien qed jippretendi l-attur u cioe s-somma ta' sitt elef mitejn u hmistax-il ewro u sebgha u tmenin centezmu (€6,215.87). Illi ghalhekk jekk kellu jaghzel biex jemmen lill-attur u cioe' li ma thallasx is-somma ta' €2,000 wiehed ghandu innaqas l-ammont surreferiti ossia tmenin ewro (€80), mitejn tlieta u tletin ewro u tlieta u disghin centezmu (€233.93), erba' mija u sittin ewro (€460) u mija u sebghin ewro u hamsin centezmu (€170.50) (ara Dok TS2) li jwasslu ghall-ammont t' elf u hamsa u hamsin ewro u sebgha u hamsin centezmu (€1055.57). Illi t-Tribunal ma jistax jikkonsidera x-xoghol zejjed li ghamel l-attur u

lanqas materjali li jghid li xtara ghaliex ma pprezentax la lista u lanqas prospett bid-dettalji ta' dan u ghalhekk minghajr detalji u provi ma jistax jigi kkunsidrat.

Illi ghalkemm gie moghti spegazzjoni dwar ghaliex inhareg ircevuta t-Tribunal ihoss illi minhabba l-inkonsistenzi kollha l-provi li pprezenta l-attur mhumiex sufficjenti biex it-Tribunal jilqa' t-talba u ghalhekk it-Tribunal ihoss illi ghandu jistrieh fuq il-prova dokumentarja ossia l-ircevuta li nharget mill-attur u l-verzjoni tal-konvenut illi kien hallsu s-somma kollha.

Illi fir-rigward tal-kontro-talba cjoe li x-xoghol ma sarx skont is-sengha u l-arti, m'ingabet ebda prova li x-xoghol ma sarx skont is-sengha u l-arti hlief dikjarazzjoni ta' missier il-konvenut li ddikjara illi hu kellu jerga' jbajjad. Il-provi li ngabu kien li certu xoghol ma sarx[3]. Il-konvenuti pero' ddikjaraw li hallsu ghax-xoghol u li kieku ma kinux kuntenti bix-xoghol huma messhom ma hallsux ghalih.

Illi johrog car li l-konvenut qatt m'informa l-attur li kien mdejjaq bix-xoghol li ghamel u harget biss meta saret il-kawza illi certu xoghol kellu jsir. Illi ghalhekk it-Tribunal ghandu biss quddiemu xhieda tal-partjiet kontrastanti u da parti tal-attur certifikat mir-rapprezentant tal-Gvern li f'dan il-kaz ireggi hafna aktar.

**Decide**

Ghaldaqstant, fic-cirkostanzi, t-Tribunal jiddeciedi billi jichad t-talba tal-attur u jichad il-kontro-talba tal-konvenut. L-ispejjez ta' din il-kawza jithallsu mill-partijiet fi kwoti ndaqs.

**< Sentenza Finali >**

[3] Specifikatament il-madum u garr tieghu (€80 u €233.93). Ara numru 5 u 7 ta' Dok TS2.

---------------------------------TMIEM---------------------------------